

IS-SANTWARJU GUZEPPIN GEWWA ST. LOUIS

Is-socjeta tal-Gizwiti, kienet l-Ordni li waqqfet il-Parrocca f'St Louis biex taqdi l-htigijiet spiritwali tal-kommunita' ta' dawk l-inhawi, li kienet tikkonsisti principalment mill-immigranti Germanizi. Is-santwarju huwa wiehed mill-ftit knejjes li fih sehh miraklu awtentikat mil-Vatikan.

Meta waqqfu il-parrocca fis-sena 1843, il-Gizwiti, bla telf ta' zmien hasbu biex jibnu knisja u sabu benefattrici kbira fis-Sinjura Ann Biddle, armla sinjura hafna li offriet bhala donazzjoni bicca art kbira ghall-knisja l-gdida. L-ewwel gebla tbierket fl-14 ta' April 1844 mill-isqof koadjatur Kenrick, (aktar tard isqof ta'



St Louis). Sentejn wara giet dedikata fl-ewwel Hadd ta' Awwissu 1846 lil San Guzepp.

Tard fis-sena 1864 immigrant Germaniz, Ignatius Strecker ghaddha minn incident waqt ix-xoghol tieghu go fabbrika tas-sapun. Minkejja li t-tobba ghamlu kull ma setghu, Ignatius ma seta' qatt ifieq u tawh biss gimghatejn biex jghix.

SAN PIETRU CLAVER

L-ghada l-Erbgha, 16 ta' Marzu 1864 Ignatius irnexxilu jmur il-knisja, u bil-permess ta' Patri Weninger irnexxilu jbus ir-relikwa ta' San Pietru Klaver. Minn dak il-hin hassu infejjaq. Ftit zmien wara mar ghax-xoghol mill-gdid u xi xhur wara ha sahhtu shiha. Kienet il-mara tieghu li hegget lil zewgha biex imur il-knisja u juri fidi kbira f'San Pietru Claver u l-isforz swielu hafna.

Fl-1887, il-miraklu gie ddikjarat formalment awtentiku mill-Kardinal Bianchi f'Ruma wara li saru ezamijiet u ndagni fuq il-fejqan ta' Ignatius. Dan il-miraklu ntghazel

bhala wiehed miz-zewġ mirakli mehtiega fil-process tal-kanonizzazzjoni tal-Beatu Peter Claver. L-Knisja ta' San Gużepp saret l-unika knisja f'St.Louis li kienet is-sit ta' miraklu awtentikat tal-Vatikan.

Matul is-sena 1866 faqqet il-marda tal-kolera u f'St Louis kienu qed imutu 280 persuna kuljum.

Fl-eqqel tal-epidemija, Dun Joseph Weber, raghaj tal-Parrocca ta' San Ġużepp, gabar flimkien lill-parruccani u saret weghda solenni lil San Gużepp, li jekk bl-intercessjoni tieghu, Alla jhares lill-parruccani mill-epidemija tal-Kolera, huma jtellghu monument addattat lill-patrun titulari taghhom bhala radd il-ħajr. Il-kongregazzjoni weghdet $4,000.00 inizjali ghal dan il-ghan minn dak il-hin stess.

Minn dak in-nhar 'l quddiem, ebda membru wiehed minn xi familja li kien iffirma l-vot u l-weghda ma miet bil-marda tal-biza'. Il-parrocca ddecidiet li monument xieraq lil San Gużepp, biex jesprimu l-gratitudni taghhom, ikun artal speċjali installat fil-knisja taghhom li kienet ghadha kif ġiet rimodellata.

Ghal dan ix-xoghol gew maghzula Bueschers ta' Chicago famuzi ghax-xoghol ta' l-arti religjuza. Gie iddisinjat

biex ikun replika ta’ l-artal ta’ Sant’Injazju fil-knisja ta’ Gesu’ gewwa Ruma bid-differenza li fic-centru kellu jkun hemm l-figura ta’ San Guzepp mal-Bambin u taht il-figuri centrali jidhru l-kliem: “Ite ad Joseph” Morru ghand Gużeppi.





Huwa magħruf  bħala l-Artal tat-Talb Imwieġeb, minħabba l-oriġini tiegħu, meta bl-intercessjoni ta' San Ġużepp, dawk li għamlu l-wegħda salvaw minn ħalq il-kolera.

Fis-sena 1880 imbeda x-xoghol fuq il-knisja meta dan it-tempju gie mkabbar u mmodifikat.



Mal-moghdija taz-zmien saru diversi alterazzjonijiet ohra, restawr necessarju u tisbih iehor biex it-tempju meta thares lejh illum tarah dak li hu.